# Ġieħ lill-imgħallem Antonio Sammut u ibnu Ġużeppi



Victor Sammut



**Antonio Sammut (1867-1949.)**

Antonio,iben Vincenzo u Maria nee' Mallia li kellhom sitt ulied, kien miżżewweġ lil Carmela nee' Balzan ( 1867-1947). Ftit wara li twieled l-iżgħar iben ,Ġużeppi (1908-1989) il-familja ta' Antonio u Carmela telqet minn Birkirkara u niżlet toqgħod ġo Rue d'Argens il-Gżira. Dak iż-żmien il-lokal beda jiġbed lin-nies minn kull naħa ta' Malta u li komplew jiżdiedu wara tmiem il-gwerra.



Antonio kien qed mehdi jibni djar ġo tas-Sliema li bdiet tespandi ġmielha .Antonio ħadem għal bosta snin fil-Villa Apap, illum iżjed magħrufa bħala "Villa Rosa" fil-bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan. Dak iż-żmien il-familja Apap kienet tforni l-ikel lis-servizzi ingliżi tal-Mediterran.Tant kienet sinjura l-familja Apap li kienu minn ta' l-ewwel li kellhom vettura. Dak iż-żmien l-Gvernatur u l-Awtoritajiet Ekklesjastici kienu għadhom jivvjaġġaw bil-karozzella. Ġużeppi bħala tifel kien imur ma' missieru. Darba is-sur Apap iggusta lit-tfajjel u ħadu jara l-annimali eżotici li kellu. Meta sar jaf, Antonio ma ħax gost u qallu biex ma jerġax!

Antonio dejjem kien affaxxinat bil-bini tal-knejjes. Bena l-prospettiva tal-bejt għal knisja tal-Imsida flimkien maż-żieda tal-portiku.




Fl- 10 ta' Lulju 1902 ġara l-miraklu tat-Tfiegħ tal-ġebla mit-tlett suldati ingliżi lill-kwadru mdendel tal-Madonna tal-Karmnu. Il-popolazzjoni tal-Gżira bidet tikber ġmielha u talbu lill-Isqof Mauru Caruana biex ikollhom parroċċa.Fil-15 ta' Mejju 1921 iddikjara l-kappella bħala parroċċa indipendenti bit-titlu tal-Madonna tal-Karmnu bl-ewwel kappillan Dun Anton Manche'(1921-1935). Antonio Sammut kien ilu jberrhen li

jrid jibni knisja.Għalhekk offra ruħu li jkun l-imgħallem, ħażżeż il-pjanta mal-Perit Francesco Caruana li ġiet approvata mill-Awtorita' Ekkleżjastika.

L-imgħallem Antonio kellu l-għajnuna ta' uliedu subien, inkluż it-tfajjel Ġużeppi kif ukoll xi ħaddiema u lil Karmnu Sammut li mar jaħdem ma' zijuh fil-bini tal–knisja tal-Gżira fejn ix-xogħol beda fl-1921 u tlesta f'Diċembru 1935. Hawn ta' min isemmi li aktar tard in-neputi ta'Antonio, Karmnu kellu jkabbar is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara (1923-1927).

Fl-ewwel żminijiet Antonio beda jippjanta l-knisja tal-Gżira u sab li l-parti fejn hemm is-sagrestija llum ma kinetx art tal-Knisja. Għalhekk talab lil wieħed sinjur biex jagħtihielu imma dan webbes rasu u ma accettax. Mela dan qabdu deni qawwi u kien f'tarf il-mewt. Il-Kappillan Dun Anton Manche' mar jagħtih l-assoluzzjoni u flimkien ma'Antonio talbuh biex icedihielhom. Hu jirrakkonta li dehritlu 'Mara sabiħa li bidet tindikalu l-art u li rieditha. Dan malajr aċċetta għax beża'. L-imgħallem Antonio malajr ippjanta l-kor u l-kumplament tal-knisja.Dan is-sinjur fieq u ried l-art lura imma xogħol tkompla. Għaddew is-snin u fl-1952 dan l-istess sinjur irregala l-bieb sabiħ li naraw illum għax il-Madonna baqgħet issegwih sa l-aħħar!



Irrid inżid li Antonio ried isalva l-Knisja antika ta' Birkirkara. Hu qabbad lill-iskultur Marco Montebello biex jagħmel forma għar-rużuni tas-saqaf. Imma serqulu l-forma li wara sabuha fil-wied ta' Ħal Qormi Din intużat wara biex saru r-rużuni tal-korsiji tal-knisja tal-Gżira. Meta wasal għall-portiku, Antonio kellem lill-Avukat Pace u akkwista l-kolonni taż-żonqor għall-faċċata tal-knisja. Dawn il-kolonni kellhom jinġarru bil-bħula minn Pembroke tul ix-xatt ta' San Giljan, lejn it-Telgħa tal-Balluta u 'l isfel għal Rue d'Argens lejn il-Gżira.Dawn ix-xogħlijiet kienu jsiru fil-ħdud u l-festi mill-voluntiera. L-imgħallem Antonio Sammut l-ewwel li lesta kienet l-kappella fuq in-naħa tas-sagrestija biex il-fidili jkollhom post ikbar għal kult divin għax oriġinalment l-kappella preċedenti tant kienet żgħira li meta ċ-ċelebrant kien jiftaħ idejh kien kważi jlaħħaq mal-ħitan.



Il- kappillan Carlo Manche' ordna l-istatwa Titulari tal-Madonna knisja tal-Gżira li nħadmet f'Lecce u li nġiebet bil-baħar fil-gżira Manoel f'Lulju 1944. (R.17) Iż-żgħażagħ gżirjani marru bi ħġarhom jilqgħu l-istatwa bil-briju. Waqt li kienu qed iġorruha fuq l-ispallejn ħarbu bosta barrin li kienu għadhom kif twasslu fil-Lazzarett. Iż-żgħażagħ għollew l-istatwa biex il-barrin jgħaddu jiġru għal riħhom. Bhekk l-istatwa kienet salvata u li għadna ingawduha sal-lum.

**Ġużeppi Sammut (1908-1989)**

Issa ndur fuq Ġużeppi Sammut, missieri, li twieled Birkirkara (1908-1989). Kien imur l-iskola tal-Freres fil-Villa Schinas, Tas-Sliema kif ukoll kien jakkumpanja lil missieru fuq xi xogħlijiet. Ta' eta' żgħira Ġużeppi kien diġa' beda jieħu x-xogħol li kien jiffirma għalih missieru Antonio, billi kien għadu taħt l-eta'. L-ewwel xogħlijiet kienu li jwaħħal arbli tal-injam biex jitwassal l-eletriku f'Għawdex. Billi kien qed juri interess beda jattendi l-iskola ta' fil-għaxija fejn ġab iċ-ċertifikat għas-sengħa tal-bini. Missieri issa sar mgħallem uffiċjalment.




Waħda mill-ewwel xogħlijiet tiegħu kienet il-bini tal-fabrika tad-dqiq ta' Pisani fit-Telgħa ta' Spencer fil-Marsa flimkien ma George Fenech. Ix-xogħol tant intgħoġob li l-Perit Ugo Mallia faħħar id-dedikazzjoni tagħhom li 'dawn tista' tafdahom b'risponsabilita.'



Fl-1937 Ġużeppi żżewweġ lil Beatrice nee' Gabarretta li kienet ġejja mill-familji ta' lukandiera u li kellhom bosta lukandi fil-belt Valletta u f'Sant'Anton Ħal-Balzan. Iċ-ċerimonja tat-tieġ saret fil-Knisja tal-Gżira li bena missieru, Antonio. Ġużeppi u Beatrice kellhom tmint itfal: l-ewwel wild, it-tewmi Peter miet ftit wara t-twelid u iktar tard il-familja Sammut ġarrbet it-telfa ta' żewġ ulied f'temp ta' 17-il xahar: Anna f'Ruma u Fr. Anton Sammut fil-Brażil, it-tnejn ta' 28 sena. Dawn kienu mumenti l-iżjed koroh għall-familja Sammut u fost familjari oħra kien hemm diġa' żewġ imwiet traġiċi ta' eta' żgħira: il-kuġin Guisi (1924-1951) u ħuh Peter Sammut (1934-1961).

F'April 1938 bena kmamar addizzjonali għas-Salesiani f'tas-Sliema u ż-żewġ ċmieni tal-'Power Station' fix-xatt tal-belt fejn illum hemm it-Teatru ' Powerhouse '.



Ġużeppi kompla fuq xogħlijiet mas-Servizzi Ingliżi u malli faqqgħet il-Gwerra, insibuh isalva n-nies li kienu jintradmu taħt id-'debris'. Niftakar jirrakkonta Ġużeppi kien tas-Sliema ħdejn l-għassa tal-pulizija u waqt "Air-Raid " jara ħaddiem ġej jiġri nofsu maqsum minn spallejh ...miskin! Darba kien qed jaħdem Ħal-Far u Squadren Leader talbu jwasslu bil-karozza tiegħu "Rugby 4" għan-naħa l -oħra tar- ' runway '. Missieri ra l-mewt għax kienu immaxinganjati diversi drabi. Kienet il-ħila tal-uffiċjal ingliż li missieri ħelisha mill-mewt!

Kien Sibt il-Għid 4 t'April,1942 meta Ġużeppi kien qed jaqla' xi



nies minn taħt it-trab ġo Triq l-Ifran il-belt Valleta, kantuniera ma' Triq San Gwann li l-knisja ta' Santu Wistin intlaqtet. Missieri malajr rifed il-koppla biex ma ċċediex. Hekk salvaha u wara ħa x-xogħlijiet tat-tiswija tal-istess knisja.



Fl-1944, kif il-gwerra battiet l-imgħallem Ġużeppi beda r-rikostruzzjoni tal-kampnar ta' San Pawl tal-Proto Katidral Anglikan tal-Ingliżi fejn kellu jittella' l-armar kollu biex isir ix-xogħol. Hawnhekk kellhom jinbidlu xi ġebel imma ħadd mill-ħaddiema ma kellu l-kuraġġ jagħmlu. Daħal għalih Ġużeppi fejn ried jiddendel hu biex jagħmel ix-xogħol b'sogru kbir għalih.



Wara mar jibdel is-saljatruri tal-Portiku tal-Kon-Katidral ta' San Gwann. Kif kien qed jaħdem, l-imgħallem Joseph Sammut irrestawra il-kappella tal–Ġermanja li ġarrbet xi ħsarat meta l-bini tal-Qorti u l-lukanda St.James (illum il-Kumpless Embassy) intlaqtu bil-bombi fl-1941. L -iskultura fil-kappella tal-Ġermanja ġiet salvata fuq l-insistenza ta' Ġużeppi bl-għajnuna tal-iskultur u ħabib tal-qalb Marco Montebello li talbu lill-ħaddiema biex iġibulhom il-ġebel li kellhom xi skultura u jurihomlhom. Hekk l-opra skultorja għadha hemm sal-lum. Ġużeppi ried ikompli x-xogħol u jsaħħaħ il-kampnari ta' San Gwann. Dan sar fl-1989 minn Vassallo Builders. Missieri deher kuntent ħafna li x-xewqa tiegħu seħħet meta hu kien fuq is-sodda tal-mewt !



Ġużeppi bena wkoll mill-ġdid il-knisja ta' San Nikola ta' Bari magħrufa bħala 'Tal-Erwieħ' ġo Strada Merkanti il-belt. Skond Tony Terribile 'Il-knisja għandha stil tassew oriġinali fl-arkitettura tagħha mibnija fuq kor żgħir, żewġ kappelluni u erba' kappelli laterali. Il-koppla li kenet ġarrbet bosta ħsarat fl-aħħar gwerra ...hi mibnija mhux fuq tmien pilastri ... iżda fuq tmien kolonni tondi magħmula minn biċċa waħda. Hi oriġinali għal dawn il-gżejjer.'



Kif temm ix-xogħol Ġużeppi mar jibni l-Bażilika tal-Isla fejn kellu jħabbat wiċċu ma' bosta ntoppi u li ħareġ bl-unuri. Il-Knisja kienet intlaqtet f'Jannar tal -1941 mil-Luftwaffe Ġermaniża meta daħal l-'Aircraft Carrier Illustrious.' L-imgħallem



Sammut wera l-kapaċita' u l-ħila tiegħu meta l-ewwel irrestawra l-kappella tar-Redentur u wara wettaq l-aqwa kapulavur tiegħu meta ta lis-Sengleani tempju mill-isbaħ u li kellu lill-iskultur Marco Montebello, ħabibu miż-żogħżija, li naqqax u għamel opri sbieħ li l-Awtoritajiet Maltin ma riedux iħallsu għalihom. Dawn tħallew bħala ' rigal għal knisja.' L-imgħallem Sammut tawwal u kabbar il-bażilika kif narawha illum. L-Arċisqof Mikiel Gonzi instama' jlissen li l-Kappella tas-Sagrament jikkunsidraha bħala l-"gamewwa" fil-waqt li l-koppla tal-Knisja tal-Isla hi l-'kuruna' li torbot il-bini kollu.



Ħafna kienu dawk li resqu lejh biex jibnilhom il-knisja fosthom is-Santwarju tal-Karmnu fil-Belt, tal-Balluta u f' Santa Venera, ta' San Bastjan Ħal Qormi, u l-koppla ta' San Gaetanu fil-Ħamrun. Ġużeppi ħaseb biex jirtira. Imma ma damx wisq għax fil-5 ta'April, 1964 offra li jibni mingħajr ħlas il-knisja ta' Sant'Antnin ġo Għajn Dwieli li tlestiet minn kollox fis-6 t'April 1965. Hawnhekk irrid insemmi li jien komplejt it-tradizzjoni ta' missieri li żżewwiġt fl-istess knisja li bena missieri.

L-Arċisqof Mikiel Gonzi reġa' bagħat għal Ġużeppi biex jibni l-Knisja ġo Santa Luċija. Sammut kabbar il-pjanta u ħażżeż il-pjanta tal-koppla. Imma x-xorti ma kellhiex isseħħ għax inqalgħu xi intoppi u Ġużeppi ma riedx ikompli. Dejjem seħaq li fejn jidħol ix -xogħol professjonali ried li jsir dejjem mingħajr ħlas. Sammut kien involut ukoll fl-ippjantar tal-pedamenti tas-Santwarju ta' Santa Tereża f'Birkirkara iżda meta nduna li qed jinħlew il-finanzi f'konkons eżaġerat telaq. Jien u ħija Paul konna morna niddefinnixxu ċ-ċirkonferenza tal-pedamenti ma' missierna stess !




L -imgħallem Sammut ma kienx jaqta' qalbu mix-xogħol, iktar ma kien ikun diffiċli iktar kien jidħollu.Hu kien diġa' tella' l-qniepen u l-istatwa tal-irħam tal-Madonna fuq il-Bażilika tal-Bambina l-Isla. Darba fl-lejl xitwi ġie jħabbat il-bieb ġo Stuart Street il-Gżira l-Isqof Awżiljarju Emmanuel Galea biex jikkonvinċi lil Sammut itella' l-istawa ta' Kristu Re fil-Furjana. Sforz l-insistenza u l-perseveranza tal-Isqof, aċċetta avolja kellu d-deni u ma kienx jiflaħ. Kienu d-9 ta' Frar 1956 meta l-istatwa bdiet tiela' bil-mod fis-7 ta' filgħodu u damet tiela' sa tard qabel nżul ix-xemx. Kien għoddu dalam meta Kristu Re kien imqiegħed f'postu. Missieri ma għoġbux u l-istatwa tefagħha lura biex ma tidhirx li se taqbeż għal isfel u





wissa lill-kappillan biex jagħmlu travu support fuq wara li llum għadek tista' tarah mwaħħal mad-dahar l-istatwa.

Il-Kappillani tal-Gżira dejjem sabu lil Ġużeppi lest biex jagħti daqqa t'id mingħajr ma jitħallas tax-xogħol.Qed jiġi f'moħħi Jum it-tberik. Il-kappillan Dun Pawl Galea u l-imgħallem Sammut kienu jdumu jitkellmu fuq il-proġetti għat-tisbiħ tal-knisja li kien iġib xi tgergir min-nies li kellhom joqgħodu jistennew it-tberik ta' djarhom. Fit-30 ta' Ġunju 1957 tlesta l-armar fil-bitħa tal-Kulleġġ ta' Stella Maris fejn iddendlu u tbierku l-5 qniepen mill-Arċisqof Mikiel Gonzi u fis-7 ta' Lulju 1957 ġew imtella' fil-kampnari biex jibqgħu hemm u jferrħu l-fidili.



Iż-żewġ statwi ta' San Pietru u San Pawl, xogħol, Marco Montebello, kienu tqiegħdu fin-niċeċ tal-faċċata bl-għajnuna ta' Gejtu Sciberras. Biex saret iż-żebgħa tal-knisja tal-Gżira l-imgħallem Sammut rama' torri forma ta' 'trolley' fuq ir-roti biex jitħaffef ix-xogħol.



Hawnhekk qed nuri ritratt fejn l-imgħallem Ġużeppi ried li tinfetaħ triq quddiem il-knisja biex tkun tista titgawda u jkun hemm wesgħa għaċ-ċerimonji esterni. Iżda l-proġett ma kellux iseħħ.

In-nies tal-Gżira dejjem sabu lill-imgħallmin Antonio u Ġużeppi Sammut ta' għajnuna biex jissebbaħ it-tempju tal-Madonna tal-Ġebla. Għandna nirringrazzjaw lil Alla li Antonio kien strumentali li bena l-knisja "mingħajr l-ebda ħlas" kif ukoll lil Ġużeppi li kompla jagħti l-kontribut tiegħu matul iż-żmien.

Ġużeppi Sammut jibqa' fil-memorja li kien mgħallem tal-bini tal-knejjes li ta lil Malta xogħlijiet sbieħ u ta' ġieh kif għamlu missieru Antonio u Karm Sammut minn Birkirkara.

Fuq l-eżempju tal-antenati tagħhom illum insibu lajċi eżemplari fit-Tagħlim Nisrani kif ukoll reliġjużi li marru jaħdmu fl-artijiet tal-missjoni. Nispiċċa billi nikkwota lill-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca meta qal fuq is-sodda tal-mewt ta' Ġużeppi Sammut : 'Alla ma jabbandunax lil dawk li ħasbu biex ixerrdu l-Fidi Nisranija u jibnulu knejjes għal qima Tiegħu fid-dinja. Konsolazzjoni li tgħodd ukoll għal Antonio u Karmnu Sammut

Illum fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu għandna nirringrazzjaw 'l Alla u lil Madonna li Antonio Sammut u ibnu Joseph kienu ulied denji gżirjani u benefatturi tal-Knisja li ħadmu bla heda biex sebbħu t-Tempju tal- Madonna tal-Ġebla li tant kienu jħobbu.